# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

# MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum **l-Erbgha 7 ta' Marzu 2018**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Frans Micallef)**
**vs.**
**John Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

John Spiteri ta' 58 sena, bin Francis u Maria nee' Grech, imwieled il-Pieta' fil-21ta' Gunju, 1959, u li joqghod 46, 'Cleveleys', Triq Lorenzo Gonzi, Tarxien detentur tal-karta ta' l-identita' numru 443359M.

Akkuzat:

Talli fil-25 ta' Mejju 2008 ghal habta tas-2.15 pm, fi Triq Garibaldi, Luqa, saq vettura numru BAG 551, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku u involontarjament ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Christopher George Muscat, kif iccertifika Dr M. Caruana M.D., kif ukoll offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Jeffrey Spiteri, kif iccertifika Dr Rene Camilleri M.D., u offiza hafifa fuq Matthew Aquilina kif iccertifika Dr David Bilocca

M.D. Talli ukoll involontarjament ghamel hsara fuq mutur numru JBH 467 ghad-dannu ta' Spiteri Jeffrey, hsara fuq mutur numru FZR 555 ghad-dannu ta' Christopher George Muscat u fuq mutur VTR 001 ghad-dannu ta' Matthew Aquilina.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, l-imputat jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tas-sewqan.

Semghet ix-xhieda, u rat id-dokumenti ezebiti u l-atti l-ohra ta' dawn il-proceduri, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali skond l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja, u rat li l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li dan il-kaz jigi hekk trattat u deciz.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur irrimetta ruhu ghal provi u ma ghamilx sottomissjonijiet orali.

Semghet is-sottomissjonijiet orali tal-avukat difensur tal-imputat.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma fis-succint is-segwenti:

1. Triq Garibaldi, Hal-Luqa tinsab go zona industrijali, u ghandha zewg kareggati f'kull direzzjoni li huma separati b'*central strip* – u wara l-incident din is-*central strip* fiha wkoll *crash barriers.*
2. It-triq hi dritta, izda ghandha kurvatura vertikali. Fl-ghola post ta' din il-kurvatura vertikali tat-triq hemm tumbata. Din it-tumbata tinsab hamsa u tmenin (85) metru il-boghod mill-grada ta' Cassar Shipping [1]
3. Ghalkemm minn dak in-nhar tal-incident *de quo* saret rikostruzzjoni ta' Triq Garibaldi, t-tibdil fil-konfigurazzjoni tat-triq hu minimu.[2]

[1] Ara rapport tal-espert Perit Richard Aquilina a fol. 130 tal-process.
[2] Ara rapport tal-espert Perit Richard Aquilina a fol. 130 tal-process.

4. L-imputat kien qed johrog truck bi trailer imwahhal warajh mill-grada ta' Cassar Ship Repair Yard, li tinsab fi Triq Garibaldi, Hal-Luqa, u kien se jmur fuq in-naha tax-xellug tat-triq fid-direzzjoni ta' Hal-Luqa.
5. B'konsegwenza tal-kobor tieghu, x'hin hareg dan it-truck bit-trailer ghalaq kompletament it-triq.
6. Fl-istess triq kienu tilghin circa tletin mutur f'daqqa, u malli sabu t-triq imbarrata bit-truck u t-trailer, tlieta minnhom ghal xi raguni tilfu l-kontroll u spiccaw waqghu mal-art bil-muturi taghhom. Wiehed mis-sewwieqa tal-muturi, Christopher Muscat sofra griehi ta' naturi gravi, fil-waqt li t-tnejn l-ohra, Matthew Aquilina u Jeffrey Spiteri sofrew griehi hfief.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-Htija**

*Kwistjoni Preliminari - L-Ammissibilita tal-Istqarrija tal-Imputat*

Minkejja li d-difiza ma ssollevat l-ebda kwistjoni fir-rigward, din il-Qorti thoss ruhha obbligata li tiskarta dak kollu li l-imputat qal waqt l-investigazzjoni, u fir-rapport tal-Pulizija, stante li dak iz-zmien il-ligi ma kienitx tippermetti li suspettat ikollu d-dritt li jikkonsulta avukat qabel l-interrogatorju, u dan konformi mas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, deciza fit-12 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Mario Borg vs Malta**.

*Il-Meritu*

Mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur jirrizulta li dak iz-zmien tal-incident *de quo,* kien hemm sinjal ta-traffiku mqieghed mill-Awtorita tat-Trasport f'Malta li jindika lis-sewwieqa biex joqghodu attenti minhabba l-hrug ta' *heavy vehicles.* Dan is-sinjal kien qieghed l-isfel mill-grada ta' Cassar Ship Repair Yard.[3] Dan hu korroborat ukoll minn Glenn Magro, li kien passiggier mal-imputat, u li waqt li l-imputat kien hiereg mill-bitha, mar fuq it-tumbata biex jindikalu li ma kienx gej traffiku. Magro jghid li dan is-sinjal kien ftit il-fuq mit-tumbata.

[3] Ara xhieda tal-Ufficjal Prosekutur a fol. 93 tal-process.

Irrizulta wkoll li ftit izjed l-isfel mill-grada ta' Cassar Ship Repair Yard kien hemm numru ta' *parking spaces*, u go wiehed minnhom Cassar Ship Repair Yard kienet qieghdet tank vojt b'tabella bil-kliem "No Entry Tidholx" fuqu. Dan it-tank isemmieh kemm Glenn Magro fix-xhieda tieghu, kif ukoll il-*parte civile* Matthew Aquilina, u jidher fir-ritratti ezebiti mill-istess Aquilina u Jeffrey Spiteri.

L-Ufficjal Prosekutur xehed hekk *"Jiena milli stajt nara jirrizulta illi t-trakk kien qed jigi mahrug minn din il-yard, u ghal xi raguni ghax ta' min wiehed jghid illi, qabel il-yard hemm daqsxejn ta' bendjatura, jigifieri ma tistax tara fit-tul ... ... Ara kif nifhem jien,* (il-muturi) *ta' quddiem, ghal xi raguni inhasdu meta raw, meta raw il-mutur (sic) u mutur mhux karozza. Probabbilment ippruvaw izommuha ghax mhux saret l-impact mat-trailer, imma, kif nifihima jiena, fl-umli opinjoni tieghi illi ppruvaw izommu l-break, tilfu l-kontroll ... ... skidjaw u baqghu jitkaxkru, baqa' jitkaxkar sakemm habat mat-trailer."*[4]

Mill-provi u r-ritratti ezebiti jirrizulta li hemm tumbata, li meta wiehed ikun tiela' mill-parti t'isfel ta' Triq Garibaldi ghal fuq hija ostakolata. Pero jirrizulta wkoll mir-rapport tal-espert mahtur minn din il-Qorti li bejn din it-tumbata u l-grada ta' Cassar Ship Repair Yard minn fejn kien hiereg l-imputat hemm distanza ta' 85 metri.

L-imputat xehed li hu kien hiereg bil-mod minn din il-grada u kellu mieghu lil Glenn Magro. Magro xehed li hu mexa iktar l-isfel fit-triq u qaghad fuq ic-central strip fil-parti li hemm it-tumbata biex ikun jista' jara l-kumplament tat-triq u jara jekk kienux gejjin vetturi minn isfel, ghax is-sewwieq tat-truck hiereg mill-bitha – l-imputat fil-kaz odjern – ma kellux vizwali tat-triq kollha minhabba it-tumbata li hemm fit-triq. Meta Magro ra li ma kienx gej traffiku, hu ghamel sinjal b'idu lill-imputat biex johrog, u Magro mar lura u rikeb fit-trakk mieghu. L-imputat beda l-manuvra biex johrog u effettivament mir-ritratti ezebiti mill-partijiet civili stess jirrizulta li t-trakk kien diga hareg, u t-trailer li kien warajh kien kwazi ddritta ukoll, u ghalhekk l-manuvra kienet prattikament kompletata, meta sar l-incident. Fil-fatt Jeffrey Spiteri xehed li meta ra dan it-trakk, kien kwazi hareg kollu mill-bitha.[5]

Magro xehed li kif gew biex jiddrittaw huma semghu hoss kbir, u meta ttawwlu mill-mera raw zewg muturi jitkaxkru gejjin ghal fuqhom, u dawn habtu fuq in-naha ta' wara tal-genb

---

[4] Ara xhieda tal-Ufficjal Prosekutur a fol. 95-96 tal-process.
[5] Ara fol. 39 tal-process.

tal-lemin tat-trailer, u kissru l-bozoz tal-indicator.[6] Fil-fatt, mir-ritratti ezebiti mill-partijiet civili, jidher car li l-muturi habtu man-naha ta' wara tat-trailer. Li kieku l-imputat qabad u hareg minn gol-grada, il-muturi kienu jidhlu fuq in-naha ta' quddiem tat-truck.

Mutur huwa di natura hafna iktar hafif minn karozza, apparti li wiehed irid jikkonsidra c-cilindrata taghhom. Matthew Aquilina xehed li huwa kellu mutur Honda VTR 1000cc. Mix-xhieda tal-partijiet civili jirrizulta li huma raw it-truck kif qabzu t-tumbata, ghax altrimenti ma kienx vizibbli ghalihom. Pero t-tumbata hija 85 metru mill-grada li minnha hareg l-imputat bit-truck tieghu – li hija distanza adegwata biex wiehed ikollu cans jibbrejkja, jekk ikun qed isuq bil-prudenza li tirrikjedi l-konfigurazzjoni ta' dik it-triq. Ghalhekk, huma ibbrejkaw bis-sahha biex ma jidhlux go fih. Pero, peress li kienu qed isuqu b'velocita gholja, u ma kellhomx cans jibbrejkaw biex jevitaw l-incident.

Christopher Muscat xehed hekk: *"Jiena kif rajt it-trakk qed jaghlaq it-triq u lil siehbi quddiemi ovjament ghafast il-brejkijiet tal-mutur u skiddjajt hux. Ma stajt naghmel xejn iktar biex nieqaf. U habat mat-trailer hux. Siehbi kien habat mar-rota ta' wara tat-trakk."*[7]

Jeffrey Spiteri xehed li kif ra it-truck *"Jiena pruvajt innaqqas, ghafast il-brejkijiet u l-mutur skiddja u jiena tkaxkart naqra u l-mutur dahal got-trakk. U barra minn hekk waqghu tnejn ohra magenbi l-istess kif grali jien. ... ... Jiena intlaqt minn mal-mutur, hallejtu. Allahares bqajt mieghu ghax kont nispicca got-truck jiena wkoll."*[8]

Matthew Aquilina xehed hekk: *"Siehbi li kien tiela l-ewwel wiehed lemah it-trakk hiereg minn gol-garaxx u ta' warajh l-istess u jiena sibtu ma' wicci wkoll u kellna nibbrejkjaw bis-sahha biex ma nidhlux go fih dan it-trakk u spiccajna it-tlieta li ahna go fih."* Huwa xehed li l-ewwel kien hemm Jeffrey Spiteri, imbaghad Christopher Muscat u hu kien it-tielet wiehed warajhom.[9]

Din ix-xhieda tikkonforta t-tezi tal-Ufficjal Prosekutur dwar id-dinamika tal-incident, u cioe li meta raw it-trakk jimbarra l-karreggata, l-ewwel tliet sewwieqa tal-muturi li kienu fuq

---

[66] Ara xhieda ta' Glenn Magro a fol. 106 *et seq.* tal-process.
[7] Ara fol. 20 tal-process.
[8] Ara fol. 40 tal-process.
[9] Ara fol. 50-51 tal-process.

quddiem ghafsu l-brakes, pero tilfu l-kontroll tal-mutur u skidjaw, minhabba l-velocita li kienu ghaddejjin biha.

Fid-dawl tal-provi suesposti, ma jistghax ikun hemm dubbju li l-kawza diretta u determinanti ghal dan l-incident kienet in-nuqqas tal-istess tlett sewwieqa tal-mutur infushom li ma saqux bid-debita kawtela in vista tal-liwja u t-tumbata fit-triq li kellhom quddiemhom, u li kienet qed tikkrealhom *blind spot* ghal dak li kien hemm warajha, u dawn il-fatturi kienu necessarjament jirrikjedu li jsuqu b'velocita baxxa, apparti li l-istess sewwieqa ma tawx kaz tas-sinjal tat-traffiku li kien javzahom li kienu johorgu *heavy vehicles* f'dik it-triq. Mill-provi jirrizulta ampjament li l-incident ma giex kawzat minn xi nuqqas min-naha tal-imputat – li, bl-ghajnuna tal-passiggier tieghu Glenn Magri, ha l-prekawzjonijiet kollha possibbli biex jevita incidenti.

Kif sewwa osserva l-abbli avukat difensur tal-imputat, minn circa tletin sewwieq tal-mutur, tlieta biss tilfu l-kontroll tal-mutur u skiddjaw. Dan il-fatt wahdu juri li ma kienx l-imputat li qabad u hargilhom f'nofs it-triq bit-truck u t-trailer tieghu, ghax kieku n-numru ta' sewwieqa li kienu jitilfu l-kontroll tal-mutur kien necessarjament ikun hafna ikbar.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, u qed tilliberah minnhom.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**